

L-użu tal-Big Data mill-istituzzjonijiet finanzjarji

X'għandek tkun taf

- Il-banek, l-assiguraturi u d-ditti tal-investiment qegħdin jużaw dejjem aktar it-teknoloġiji tal-Big Data biex jipproċessaw ammonti enormi ta' data, inkluż data personali. Dan jista' jippermettilhom li jsiru jafuk aħjar bħala klijent u potenzjalment jipprovdulek prodotti, adatti iktar għall-ħtiġijiet tiegħek.
- Is-servizzi finanzjarji li jużaw it-tekniki tal-Big Data jistgħu jkunu ta' benefiċċju għalik, iżda jista' jkun li dan mhux dejjem ikun il-każ. Il-kumpaniji tas-servizzi finanzjarji jistgħu jinterpretaw ħażin id-data tiegħek u jispiċċaw joffrulek il-prodott il-ħażin jew jeskluduk minn xi servizz.
- Bħala klijent, inti għandek drittijiet f'dak li jirrigwarda l-kondiviżjoni tad-data tiegħek mal-istituzzjonijiet finanzjarji.
- Int għandek tkun żgur li tifhem id-drittijiet tiegħek, il-benefiċċji, ir-riskji u l-karatteristiċi ewlenin ta' dawn is-servizzi u kif tista' tintuża d-data tiegħek (eż. kun af bl-użu li jsir mid-data personali tiegħek f'każ ta' ftehimiet bl-immarkar ta' kaxex).

X'inhi Big Data?

Jekk tkellem lil ħbiebek online, tuża app fuq l-smartphone tiegħek, jew tuża kard tal-ħlas, toħloq fluss ta' data. Il-Big Data tikkonsisti fl-użu ta' għodod tal-IT żviluppati ħafna biex jiġu pproċessati settijiet kbar ħafna ta' tipi differenti ta' data.

Il-Big Data tista' tinkludi data dwar il-konsumatur minn paġni web, mill-midja soċjali, storja tat-tiftix fuq l-internet, mis-sinjali tal-smartphone

X'benefiċċji tista' ġġiblek il-Big Data bħala konsumatur tas-servizzi finanzjarji?

Servizzi finanzjarji li jgħinuk

Il-Big Data tista' tippermetti lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex joffrulek prodotti u servizzi mfassla apposta iktar adatti għall-ħtiġijiet tiegħek.

Pereżempju, l-użu tat-tekniki tal-Big Data jistgħu jippermettu lill-kumpaniji tal-assigurazzjoni tiegħek biex twissik li l-polza tal-assigurazzjoni tiegħek ma tkoprix il-qabża bil-paraxut ('parachute

jew data ġġenerata bl-użu ta' kard tal-ħlas.

Pereżempju, bl-użu tat-teknoloġija tal-Big Data, istituzzjoni finanzjarja tista' torbot l-informazzjoni tal-midja soċjali tiegħek ma' data finanzjarja dwar l-attivitatijiet ta' tfaddil tiegħek. Għalhekk l-istituzzjonijiet finanzjarji jistgħu jużaw din l-informazzjoni biex jifhemu aħjar id-drawwiet ta' tfaddil u investimenti.

L-istituzzjonijiet finanzjarji japplikaw dejjem aktar il-Big Data għas-servizzi finanzjarji tal-ħajja ta' kuljum u jibqgħu jagħmlu hekk fil-futur.

jump') li reċentement ħabbart fuq il-midja soċjali.

Protezzjoni aħjar kontra l-frodi

L-applikazzjonijiet tal-Big Data jistgħu jgħinu lill-bank tiegħek jinduna meta xi ħadd ikun qed jagħmel ħlas frodulent. Jekk xi ħadd, pereżempju, jipprova jagħmel pagament elettroniku falz f'ismek minn barra, il-bank tiegħek jista' jkun kapaċi juża l-applikazzjoni tal-lokazzjoni biex jirrikonoxxi li inti qiegħed f'pajjiż differenti minn dak li minnu qed isir it-tentattiv ta' pagament u l-bank ikun jista' jimblokka dak il-pagament.

Biex tiegħu l-aħjar mill-prodotti u s-servizzi finanzjarji bl-użu tal-Big Data u biex tiegħu deċiżjonijiet infurmati, inti għandek tagħmel ċert li inti totalment konxju/a tal-benefiċċji u r-riskji li jistgħu joffrulek dawn il-prodotti u s-servizzi finanzjarji. Int għandek tkun żgur ukoll li tifhem il-karatteristiċi ewlenin tas-servizzi u l-prodotti bbażati fuq il-Big Data inkluż ta' kif id-data tiegħek tintuża fl-iżvilupp tagħhom, biex tiegħu deċiżjonijiet infurmati.



© iStock/bluebay2014

Kif tiproteġi d-drittijiet tiegħek

- Ikkontrolla l-informazzjoni personali li tiskambja mal-istituzzjoni finanzjarja tiegħek jew pubblikament online, inkluż fuq il-midja soċjali.
- Iċċekkja l-konfigurazzjonijiet tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-data tiegħek u agħmel ċert li dawn ikunu ssettjati għal livell ta' sigurtà li jissodisfa l-ħtiġijiet tiegħek.
- Agħti kunsens għall-ipproċessar tad-data tiegħek biss jekk inti komdu/a bil-fornitur u b'kif dan se juża l-informazzjoni tiegħek. Jekk għandek dubju, itlob kjarifika.

Jekk taħseb li d-drittijiet personali tiegħek mhumiex rispettati, tista':

- Tuża d-dritt tiegħek li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-data tiegħek għal skopijiet ta' kummerċjalizzazzjoni. Dan jista' jiffrankalek li tirċievi reklami mhux mixtieqa jew aggressivi.
- Ibgħat l-ilment tiegħek lill-fornitur tas-servizz rispettiv.
- Jew jekk ikun hemm bżonn: Ibgħat l-ilment tiegħek lill-korp nazzjonali tiegħek li jittratta ilmenti u/jew lill-awtorità nazzjonali tiegħek tal-protezzjoni tad-data.



© iStock.com/NicoElNino

Ir-riskji tal-Big Data fis-servizzi finanzjarji

Għandek tkun konxju li t-tekniki tal-Big Data jgħorru wkoll riskji, li jista' jkollhom impatt negattiv għalik:

- L-għodod tal-Big Data jista' jkun fihom xi żbalji. Pereżempju it-traċċar tal-movimenti ta' professjonista fil-qasam tal-kura tas-saħħa fix-xift ta' bil-lejl jistgħu jiġu interpretati b'mod żbaljat bħala indikazzjoni ta' stil ta' ħajja mhux san. Bħala riżultat, dik il-persuna tista' ssibha diffiċli biex tikseb self.
- Il-Big Data tista' tippermetti lill-assiguraturi biex ikunu jafu l-profil tar-riskju tiegħek aħjar. Dan ifisser, pereżempju, li s-sidien tad-djar f'żoni suxxettibbli għal għargħar jista' jkollhom diffikultajiet addizzjonali biex jiksbu kopertura tal-assigurazzjoni tad-dar.
- Il-fornituri tas-servizzi finanzjarji jistgħu jużaw l-għarfien akbar tagħhom dwar biex jibgħatu offerti mmi-rati, li jistgħu jirriżultaw f'li inti tixtri servizzi jew prodotti li fil-verità inti m'għandekx bżonn.
- Il-Big Data tista' twassal għal prodotti u servizzi finanzjarji mfassla ħafna b'diversi karatteristiċi differenti. Potenzjalment dan jista' jagħmilha aktar diffiċli għalik biex tqabbel il-prodotti u biex tiddeċiedi liema wieħed hu l-aktar adattat għalik.

Kif inti protett?

Ġew stabbiliti numru ta' regoli biex jitnaqqsu dawn ir-riskji u li għandhom l-għan li jiproteġuk. Dawn huma wħud mill-iktar importanti:

- L-ipproċessar tad-data tiegħek jirrik-jedi l-aktar il-kunsens ċar, speċifiku u liberu tiegħek.
- Il-fornituri ta' servizzi finanzjarji huma obbligati jiżguraw li l-informazzjoni li jipprovdulek dwar is-servizzi u l-prodotti tagħhom hi ċara u mhux qarrieqa.
- Il-fornituri ta' servizzi finanzjarji huma obbligati li jaġixxu b'onestà u b'mod ġust meta jużaw il-Big Data biex joħolqu servizzi u prodotti u wkoll meta jużaw il-big data biex ibiegħulek dawk il-prodotti u s-servizzi.
- Il-fornituri ta' servizzi finanzjarji għandhom jieħdu miżuri ta' sigurtà stretti biex jiproteġu d-data tiegħek minn hackers u minn theddid ċibernetiku ieħor.

Aċċess imtejjeb għas-servizzi finanzjarji

L-applikazzjonijiet tal-Big Data jistgħu pereżempju, jgħinu lil koppja żagħżuġha bi storja ta' kreditu limitat biex tlesti l-fajl ta' kreditu rqiq ('tħin credit file') tagħha u b'hekk imtejjeb l-aċċess tagħha għas-self.

Bl-istess mod, sewwieqa żgħar bla esperjenza li installaw apparat telematiku fil-karozzi tagħhom jistgħu wkoll jibbenefikaw minn primjums tal-assigurazzjoni iktar baxxi, jekk isuqu b'mod responsabbli, billi l-kumpaniji tal-assigurazzjoni jkunu jistgħu jiċċekkjaw u janalizzaw id-drawwiet tas-sewqan tagħhom.

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u l-Big Data hawnhekk:
<http://bit.ly/2oG2bel>